MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta tas-6 ta' Lulju, 2009

Avviz Numru. 42/2009

**Fl-atti tal-mandat ta' qbid numru 280/09 fl-ismijiet:**

**Frigo Trans Two Limited (C 17329)**

**Vs**

**Charles Dimech (ID 97059M)**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors li bih Melchior u Daniela konjugi Dimech wara li ppremettew illi fit-2 ta' Frar 2009 Marixxal tal-Qorti Joseph Azzopardi mar fir-residenza taghhom gewwa “Our Nest” Triq l-Indipendenza, Haz-Zebbug sabiex jesegwixxi l-mandat ta' qbid imsemmi u ineffetti huwa esegwixxa l-istess fuq diversi oggetti mobbli jinsabu fir-residenza imsemmija liema oggetti jappartjenu esklusivament lir-rikorrenti li taghhom l-indirizz indikat huwa d-dar matrimonjali;

Illi d-dar "Our Nest" Triq l-Indipendenza, Haz-Zebbug hija d-dar matrimonjarli tal-konjugi Dimech li m'ghandhom ebda relazzjoni mas-socjeta' allegatament kreditrici u cioe' Frigo Trans Two Limited u per di piu' ghad li jistgha jaghti l-kaz illi id-debitur Carmelo Dimech et huwa missier l-esponenti huma ma ghandhom xejn x'jaqsmu mal-allegat debitu;

Waqt li gabu formalment a konjizzjoni tas-socjeta' Frigo Trans Two Limited sabiex dina taghraf tirregola ruhha u fl-istess waqt u ghal kull buon fini jitlobu illi dina l-Onorabbli Qorti joghgobha thassar, tirrevoka u tissospendi kull azzjoni kwantu dina tistgha tolqot l-oggett mmobbli maqbuda mid-dar matrimonjali taghhom gewwa Haz-Zebbug u cioe fil-fond fejn saret in-notifika.

Rat id-digriet Taghha preliminari moghti fl-4 ta' Frar 2009 a fol 3 tal-istess atti.

Rat ir-risposta tas-socjeta' intimata (fol 28 sa fol 30 ibid) u li biha esponiet bir-rispett:

1. Illi t-talbiet tar-rikorrenti ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-istess rikorrenti u dan ghas-segwenti ragunijiet:

i. Illi fis-27 ta' Novembru, 2007 s-socjeta' intimata pprezentat, fir-registru ta' din il-Qorti, ittra ufficjali bin-numru 6673/07 kontra Charles Dimech (ID 97059(M), u permezz taghha talbet illi l-kambjala li giet iffirmata fit-2 ta' Gunju 2007, u li skadiet fl-1 ta' Settembru, 2007 tigi reza esegwibbli a tenur tal-artikolu 253(e) u l-artikolu 256 (2) tal-kap, 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

ii. Illi wara diversi tentattivi, din l-ittra ufficjali giet notifikata skond il-ligi u dan skond ma jirrizutla mill-kopja legali ta' l-imsemmija ittra ufficjali annessa u mmarkata bhala Dok VG1.

iii. Illi ghalhekk l-istess kambjala debitament iffirmata minn Charles Dimech giet reza esegwibbli skond il-ligi.

iv. Illi s-socjeta' intimata talbet fis-7 ta' Ottubru, 2008 u ottjeniet fit-8 ta' Ottubru, 2008 mandat ezekuttiv ta'

sekwestru numru 2920/08 kontra l-istess Charles Dimech (ara Dok VG 2). Sal-lum pero, l-ebda flejjes ma gew depozitati u dan stante li ma hemm l–ebda flejjes x'jigu depozitati mill-Banek lokali.

v. Illi ghalhekk is-socjeta' intamata talbet fis-26 ta' Jannar, 2009 u ottjenijiet fis-27 ta' Jannar, 2009 l-mandat ezekuttiv ta' qbid odjern numru 280/09.

vi. Illi r-rikorrenti Melchior Dimech jigi iben Charles Dimech u dan skond ma jirrizulta mill-istess rikors tieghu pprezentat fit-3 ta' Frar, 2009. Skond ma jghid l-istess Melchior Dimech u martu Daniela, l-oggetti kolpiti b'dan il-mandat huma proprjeta tal-komunjoni taghhom u mhux ta' l-istess Charles Dimech. Jghidu ukoll illi l-indirizz indikat fil-mandat ezekuttiv ta' qbid hija r-residenza taghhom. <u>Li ma jghidux pero huwa li l-indirizz moghti minn Charles Dimech fuq il-kambjala annessa ma' l-ittra ufficjali numru 6673/07 HUWA "Our Nest", Triq Indipendenza, Zebbug, u cioe l-indirizz ndikat fl-ittra ufficjali u fis-zewg mandati ezekuttivi esperiti mis-socjeta' intimata odjerna kontra Charles Dimech</u>.

vii. Illi minn qari tan-nota miktuba *<u>di proprio pugno</u>* (u dattilografata ukoll) ta' marixxal Joseph Azzopardi, jinghad illi "N*<u>zid nghid li tajt kopja ta' dan il-mandat lill-Charles Dimech personalment fid-09:30hrs"</u>* (sottolinejar u enfazi tas-socjeta' esponenti). Jigifieri Charles Dimech kien f'dan l-indirizz moghti meta gie esegwit il-mandat, u l-marixxal tah kopja ta' l-istess.

viii. Illi mid-diversi riferti li jinsabu mmarkati fuq l-ittra ufficjali numru 6673/07 ghandu jirrizulta kemm dan Charles Dimech huwa bniedem difficli hafna biex issibu tant illi nsibu li fis-7 ta' Dicembru, 2007 l-ittra ufficjali baqghet *unclaimed* u fit-28 ta' Dicembru, 2007 u fl-14 ta' April, 2008 l-purtier li mar b'din l-istess ittra ufficjali nezzel li meta mar fi-post indikat "*ma fetah hadd*". Ghalhekk is-socjeta' intimata kellha tirrikorri ghal procedura tal-pubblikazzjoni biex jigi notifikat.

ix. Issa ir-rikorrenti Melchior u martu Daniela Dimech hargu bl-istratagemma li l-oggetti mobbli li inqabdu mill-marixxal tal-Qorti a tenur tal-mandat ezekuttiv ta' qbid numru 280/09 huma tal-komunjoni taghhom u Charles Dimech ma ghandu x'jaqsam xejn maghhom. Din l-onorabbli Qorti hija gentilment mitluba sabiex tara lil hinn

minn din l-istratagemma u tikkonferma dan il-mandat halli s-socjeta' intimata tkun tista tirkupra l-kreditu taghha, li llum ilahhaq is-somma ta' aktar minn hamest elef mitejn u sebghin Ewro u sitta u sebghin Ewro centezmi (€5,270.76c).

x. Illi dan ir-rikors huwa l-ahhar tentattiv ta' Charles Dimech sabiex jipprova jahrab mill-obbligi kontrattwali minnu assunti. Dan ir-rikors ma huwa xejn ghajr tentattiv fjakk da parti ta' ibnu Melchior sabiex jghin lill-missieru jevadi l-obbligi minnu assunti u cjoe l-hlas ta' somma flus lis-socjeta' intimata talli din ta' l-ahhar kienet ittrasferietlu vettura, ossija *truck* bin-numru ta' registrazzjoni DAF-060.

xi. Jinghad ukoll finalment illi r-rikorrenti ma resqu l-ebda dokument in sostenn tal-allegazzjoni taghhom li dawn l-oggetti li gew maqbuda mill-marixxal tal-Qorti Joseph Azzopardi huma taghhom. Ma resqu l-ebda ricevuta in sostenn ta' dan. Kull ma huwa li allegaw li dawn l-oggetti huma taghhom. Pero dan il-fatt biss ma huwiex bezzejjed. Ghalhekk il-ligi tehtieg illi meta *"persuna kontra min jinhareg att ezekuttiv jew xi persuna ohra interessata, tista taghmel rikors li jkun fih is-sottomissjonijiet kollha li tista' tkun tixtieq taghmel* ***flimkien mad-dokumenti kollha li jsostnu r-rikors*** *lil dik il-qorti li tkun harget dak l-att fejn titlob li l-att ezekuttiv jithassar, sew ghal kollox jew f'parti minnu biss, ghal raguni valida skond il-ligi"* (sottolinejar tas-socjeta' Ara art. 281 tal-Kap.12).

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet fuq esposti, u ghar-ragunijiet l-ohra kollha li jistghu jirrizultaw waqt it-trattazzjoni ta' dan ir-rikors, is-socjeta' intimata titlob umilment sabiex din l-Onorabbli Qorti joghgobha tichad it-talba tar-rikorrenti kif kontenuta fir-rikors taghhom pprezentat fit-3 ta' Frar 2009, bl-ispejjez kollha kontrihom.

Rat l-atti kollha tal-kaz.

Semghet it-trattazzjoni da parti tad-difensur tas-socjeta' intimata.

Ikkunsidrat

Illi in rigward il-bazi legali ta’ dan ir-rikors, dan hu radikat fl-artikolu 281 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta’ Malta, gja artikolu 283A ibid. Permezz tal-artikolu 12 tal-Att numru XIV tal-2006 li emenda dan l-artikolu, liema emenda dahlet fis-sehh u giet operattiva, biss, fl-1 ta’ Jannar 2009. Konsegwentement il-mandat in esami li gie presentat fis-26 ta’Jannar 2009 u akkordat fis-27 ta’ Jannar tal-istess sena’, hu regolat mill-artikolu citat kif emendat (ara ukoll l-artikolu 107 tal-istess Att numru XIV tal-2006).

Illi, dan premess fil-qasir iz-zewg rikorrenti qed jitolbu sabiex din il-Qorti, in konnessjoni mal-mandat in esami, thassar tirrevoka u tissospendi kull azzjoni kwantu dina tista’ tolqot l-oggetti mobbli maqbuda mid-dar matrimonjali tal-istess rikorrenti. Fi ftit kliem, ir-rikorrenti qed jallegaw illi l-oggetti mobbli maqbudin (ara fol 7 u fol 8 ibid) jappartjeni lilhom u mhux lid-debitur Carmel Dimech li jigi missier ir-rikorrenti.

Illi mill-istess atti jidher illi t-titolu ezekuttiv in ezami kien inhareg wara proceduri kontra l-istess Carmel Dimech a bazi tal-artikolu 253(e) u 256(2) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta’ Malta in konnessjoni ma kambjala ffirmata mill-imsemmi debitur (ara fol 32 ibid u l-atti relattivi).

Illi l-aritkolu 281, kif emendat w aplikabbli ghal dan il-kaz, azzjoni ghat-thassir ta’ mandat ezekuttiv inghatat lil kull minn kontra tieghu nhareg mandat ezekuttiv kif ukoll lil “xi persuna ohra interessata”. Pero fil-kaz in desimina mhux qed jintalab li t-thassir tal-mandat “per se” izda, kif gja nghad, ir-rikorrenti talbu illi din il-Qorti”. ….. thassar, tirrevoka u tissospendi kull azzjoni kwantu dina tista’ tolqot l-oggetti mobbli maqbuda …”.

Difatti fis-sentenza citata mill-istess socjeta’ intimata fl-ismijiet “Bay Street Holdings Limited vs Walter Zammit Cachia u Nadia Joan Zammit” decisa mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fis-7 ta’ April 2009” (Rikors numru 235/ 2009 JRM), jinghad illi “llum ghandu d-dritt u l-interess li jattakka dik l-esekuzzjoni, ma’ ghandux il-jedd li jattakka s-siwi tal-mandat li bis-sahha tieghu saret tali esekuzjoni, sakemm ma tohrogx xi wahda mir-ragunijiet li trid il-ligi”.

Fl-istess sentenza jinghad ulterjorment "Illi l-prattika stabbilita mbaghad, hi li ma irid jattakka l-esekuzzjoni ta' mandat, irid jaghmel dan billi jmexxi bil-procedura normali …illum il-gurnata … azzjoni li tinbeda b'Rikors Mahluf".

Illi fil-kaz in desamina ma jidhirx illi dan ir-rikors kien gie mahluf u ghalhekk ghandu jigi kunsiderat bhala null minhabba tali nuqqas gravi u li ma jista jigi konsiderat bhala insinifikanti u minnu.

Ikkunsidrat

Illi, dwar il-mertu, il-Qorti ma tistax ma tghidx illi l-provi prodotti mir-rikorrenti huma altament insufficjenti sabiex jista' jigi ritenut bhala pruvat illi l-oggetti maqbudin jappartjenu lir-rikorrenti. Difatti giet prodotta biss bhala xhud omm ir-rikorrenti, Melchior Dimech (fol 75 u fol 76 ibid) li qalet illi l-istess oggetti jappartjenu biss lill-binha. Waqt li mart dan, Daniela "…m'ghandha xejn f'dan il-post". Kien jkun mistenni da parti tar-rikorrenti li jipproduci provi ohrajn kemm orali kemm permezz ta' dokumenti sabiex il-Qorti setghet tghid u tikkonkludi fuq bazi ta' probabilita illi l-oggetti maqbudin fil-fatt, jappartjenu lir-rikorrenti.

Illi jigi notat ukoll illi kif jidher a fol 65, fol 66 u fol 67 ta' dawn l-atti ir-rikorrenti jidhru li jirrisjedu rispettivament fiz-Zurrieq u fiz-Zebbug go Ghawdex waqt li Joyce ossija Josephine Dimech, ix-xhud msemmi u mart, id-debitur, tirrisjedi fil-post fejn saret l-esekuzzjoni tal-istess mandat.

Illi gie notat ulterjorment illi fil-verbal tal-esekuzzjoni a fol 7 u fol 8 gie imnizzel mill-Marixxal esekutant illi "… tajt kopja ta' dan il-mandat lill-Charles Dimech" , dan tal-ahhar id-debitur u fl-indirizz "Our Nest" , Triq l-Indipendenza, Zebbug fejn allegatament l-istess debitur ma ghadux jirrisjedi.

Ikkunsidrat

Illi, ghalhekk, it-talba in esami ma tistax tigi akkolta kemm fuq bazi ta' ligi proceduriali kemm fuq bazi ta' fatt.

Ghaldaqstant il-Qorti qed tichad it-talba in esami bl-ispejjes jithallsu mill-istess rikorrenti.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------